MALTA

ATT Nru. VIII ta' l-1997

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' Tribunal indipendenti għas-smigħ ta' ilmenti ta' ċerti inġustizzji li ġraw bejn l-1987 u l-1995.

ACT No. VIII of 1997

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision for the establishment of an independent Tribunal for the processing of complaints of certain injustices occurring between 1987 and 1995.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĠUŻE' CASSAR
Aġent President

5 ta' Mejju,1997

ATT Nru. VIII ta' l-1997

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' Tribunal indipendenti għas-smigħ ta' ilmenti ta' ċerti inġustizzji li ġraw bejn l-1987 u l-1995.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji; u għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — Tifsir.

"inġustizzja" għandha t-tifsira lilha mogħtija fl-artikolu 6 ta' dan l-Att;

"korp imwaqqaf b'liġi" tfisser kull korporazzjoni jew korp magħqud ieħor imwaqqaf b'liġi u tinkludi kull soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern jew xi korp wieħed jew iktar minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew kull kombinazzjoni tagħhom ikollhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw jew kellhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995 jew li fuqhom il-Gvern jew xi korp wieħed jew iktar bħal dawk jew kull kombinazzjoni tagħhom ikollhom kontroll effettiv jew kellhom kontroll effettiv bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995;

"persuna aggravata" tfisser individwu li jallega li ġarrab dik l-inġustizzja msemmija fl-artikolu 6 ta' dan l-Att iżda ma tinkludix kumpannija jew soċjetà kummerċjali oħra jew individwu ieħor jew

persuna oħra li jagħmlu talba minħabba li jkunu azzjonisti jew membri ta' kumpannija jew ta' soċjetà kummerċjali oħra, jew grupp jew assoċjazzjoni li jkunu jinkludu kumpannija jew soċjetà kummerċjali oħra bħal dawk;

"it-Tribunal" tfisser it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji mwaqqaf skond l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji.

3. (1) Jitwaqqaf Tribunal wieħed jew iktar minn wieħed li kull wieħed minnhom ikun magħruf bħala t-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji, u li kull wieħed minnhom ikun magħmul minn president maħtur mill-President ta' Malta li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru.

(2) Il-president għandu jkun persuna li tokkupa, jew kienet tokkupa l-kariga ta' mħallef jew ta' maġistrat f'Malta jew li tkun eżerċitat bħala avukat f'Malta għal perijodi li b'kollox ma jkunux jammontaw għal inqas minn tnax-il sena; iżda avukat li jinħatar bħala president tat-Tribunal m'għandux jitħalla jeżerċita b'mod privat il-professjoni tiegħu.

(3) Ħadd ma jkun kwalifikat biex ikollu l-kariga ta' president tat-Tribunal:—

(a) jekk ikun jew kien membru ta' jew kandidat għall-elezzjoni fil-Kamra tad-Deputati; jew

(b) jekk ikun jew kien membru ta' kunsill lokali.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' president tat-Tribunal għandha ssir vakanti:

(a) fit-tmiem taż-żmien li matulu tibqa' sseħħ il-ħatra tat-Tribunal;

(b) jekk jinħolqu ċirkostanzi li, kieku ma kienx president tat-Tribunal, kienu jġagħluh ikun skwalifikat għal ħatra bħal dik;

(ċ) fil-każ ta' president li jkun imħallef jew maġistrat, meta huwa jtemm il-kariga ta' mħallef jew maġistrat, u fil-każ ta' president li ma jkunx imħallef jew maġistrat, jekk huwa jirriżenja mill-kariga tiegħu billi jikteb ittra lill-President ta' Malta.

(5) (a) Il-president tat-Tribunal ma għandux jitneħħa mill-kariga tiegħu ħlief mill-President ta' Malta wara indirizz mill-Kamra tad-

Deputati li jkollu favur tiegħu l-vot ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba inkapaċità ippruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għal mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew imġieba ħażina ippruvata.

(b) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1994 dwar Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal mozzjoni bħal dik imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu l-istess bħalma japplikaw għal mozzjoni li ssir skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni. Att Nru.XI ta' l-1994.

(6) Jekk il-kariga ta' president tat-Tribunal tkun vakanti jew jekk, għal xi raġuni, ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-President ta' Malta, li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru, jista' jaħtar persuna li tkun kwalifikata li tinħatar president tat-Tribunal, biex tkun president temporanju tat-Tribunal, u kull persuna hekk maħtura għandha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu, tispiċċa milli hekk tkun president malli persuna tkun inħatret biex timla l-vakanza jew, skond il-każ, malli l-president li ma setax jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jerġa' jibda jwettaq dawk il-funzjonijiet.

(7) Il-president tat-Tribunal jista' jiġi rikużat jew għandu jastjeni fl-istess ċirkostanzi bħal imħallef tal-Qrati Superjuri; u f'kull każ bħal dak, ir-Reġistratur tat-Tribunal jassenja dak il-każ lil tribunal ieħor kull meta jkun jiffunzjona tribunal ieħor bħalu, b'dan illi meta jkun hemm tribunal wieħed biss jiffunzjona jew inkella jekk ikun hemm astensjonijiet u rikużazzjonijiet fit-tribunali kollha li jkunu jiffunzjonaw, il-President ta' Malta li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru għandu jaħtar persuna li tkun kwalifikata għal dik il-ħatra sabiex tkun president tat-Tribunal għall-każ jew każijiet partikulari li għar-rigward tagħhom il-president ikun ġie rikużat jew ikun astjena.

(8) Persuna li ma tkunx imħallef jew maġistrat maħtur bħala president tat-tribunal għandu jkollha, filwaqt li tkun qed tokkupa dik il-kariga, l-istess salarju, *allowances* u benefiċċji ta' mħallef tal-qrati superjuri.

4. Iż-żmien li matulu jibqa' mwaqqaf it-Tribunal jiskadi meta jgħaddu erba' snin mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att: Żmien li matulu jibqa' mwaqqaf it-Tribunal.

Iżda dak iż-żmien jista' jittawwal, f'kull żmien qabel ma jiskadi, b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati għal dak iż-żmien ieħor jew żminijiet oħra li f'kull każ ma jkunx ta' iktar minn sena.

Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, dan l-Att japplika għall-Gvern, u għal kull korp imwaqqaf b'liġi kif imfisser fl-artikolu 2 ta' dan l-Att (hawn iktar 'il quddiem f'dan l-Att msejħa "il-persuni li għalihom dan l-Att japplika").

(2) F'dan l-Att, kull riferenza għall-Gvern tinkludi riferenza għal kull dipartiment tal-Gvern jew awtorità oħra tal-Gvern, kull Ministru jew Segretarju Parlamentari, kull uffiċjal pubbliku u kull membru, jew impjegat, ta' awtorità tal-Gvern. Kull riferenza għal korp imwaqqaf b'liġi jew korp ieħor tinkludi riferenza għal kull direttur, membru, *manager* jew uffiċjal jew impjegat ieħor ta' dak il-korp.

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax għall-persuni jew għall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(b) Dan l-Att ma japplikax għall-korpi elenkati fit-Taqsima B fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kemm-il darba ma tingiebx prova b'sodifazzjon tat-Tribunal li tkun turi li kull mezz possibbli għall-ksib ta' rimedju jkun ġie eżawrit.

(ċ) Il-Prim Ministru jista' jagħmel ordni fil-Gazzetta li biha jemenda, jibdel jew jissostitwixxi l-listi li hemm fit-Taqsima A u fit-Taqsima B ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att. Ebda ordni taħt dan il-paragrafu ma għandu jkollu effett qabel ma l-istess jiġi approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

(d) It-Tribunal m'għandux jitratta ilment li jkun jeħtieġ investigazzjoni dwar dik l-azzjoni jew kwistjoni bħalma hemm imfisser fit-Taqsima C ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(4) Dan l-Att ma għandu jkun japplika għal ebda att jew omissjoni li jkunu ġraw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara l-15 ta' Mejju, 1995.

Setgħat tat-Tribunal.

6. (1) It-Tribunal ikollu s-setgħa li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun ġarrbet inġustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew ingħatat bi ħsara għaliha, jew ta' xi inkapaċità jew restrizzjoni li kellha ġġarrab, b'xi azzjoni meħuda minn xi waħda mill-persuni li għalihom japplika dan l-Att dwar kull wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ħatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' uffiċjali pubbliċi;

(b) ħatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, uffiċjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'liġi;

(ċ) dħul fl-impieg;

(d) liċenzi jew permessi meħtieġa bil-liġi;

(e) kull ħaġa oħra li tista' tiġi approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ma għandux jaċċetta li jeżerċita s-setgħat tiegħu taħt dan l-artikolu f'kull każ fejn ikun ġie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Inġustizzji jew li dwaru jkun tressaq każ quddiem xi qorti. Kap. 320

7. (1) L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors sostanzjalment fl-għamla stabbilita fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att. Proċedura.

(2) Ir-rikors għandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom ikun imsejjes u għandu jkun imsieħeb:

(a) b'elenku ta' xhieda flimkien ma' l-indirizz sħiħ tagħhom fejn jiġi dikjarat dwar kull wieħed minnhom xi prova bix-xiehda ta' kull xhud hu maħsub li tiġi pruvata; u

(b) kull dokument b'sostenn tar-rikors.

(3) Ir-rikors flimkien ma' dak l-elenku u dokumenti, jekk ikun hemm, għandhom jiġu preżentati fir-Reġistru tat-Tribunal fiż-żmien li matulu r-Reġistru tal-Qrati Superjuri jkun għadu miftuħ. Kopja ta' dak ir-rikors, lista u dokumenti jekk ikun hemm għandhom jiġu notifikati lill-persuna li għaliha dan l-Att japplika li kontriha jkun sar l-ilment (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-intimat").

(4) L-intimat għandu jippreżenta r-risposta tiegħu f'dak ir-Reġistru sa mhux iktar tard minn għoxrin jum wara li jirċievi r-rikors. Ir-risposta għandu jkun fiha wkoll:

(a) dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom l-intimat isejjes ir-risposta kuntrarja tiegħu u din għandha tkun imsieħba b'elenku ta' xhieda tiegħu flimkien ma' l-indirizzi sħaħ tagħhom fejn jiġi

dikjarat dwar kull wieħed minnhom xi prova bix-xiehda ta' kull xhud hu maħsub li tiġi pruvata; u

(b) kull dokument li jirrespinġi t-talba.

Ir-risposta, elenki u dokumenti għandhom jiġu notifikati lil min jagħmel l-ilment.

(5) Wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi fis-subartikolu (4), it-Tribunal jappunta jum u ħin għas-smigħ ta' l-ilment. Dan il-jum u ħin għandu jiġi notifikat lil min jagħmel l-ilment u lill-intimat, mir-Reġistratur li għandu wkoll joħroġ kull taħrika meħtieġa għas-smigħ tax-xhieda. F'dak il-jum it-Tribunal jisma', bil-ġurament, ix-xiehda ta' min jagħmel l-ilment u tal-intimat kif ukoll dik tax-xhieda l-oħra kollha; wara dan, min jagħmel l-ilment u l-intimat għandhom jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom quddiem it-Tribunal.

(6) Waqt is-smiegħ, il-partijiet jistgħu ikunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali jew minn kull persuna oħra li jkollha l-fiduċja tagħhom:

Iżda ebda persuna ma tista' titlob drittijiet għall-assistenza li tagħti lil xi persuna quddiem it-Tribunal li jkunu ogħla minn dawk id-drittijiet li jistgħu jintalbu minn avukat għall-istess servizz.

(7) Kull smigħ bħal dak għandu jkun bil-miftuħ.

(8) It-Tribunal għandu jagħti lill-partijiet smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.

(9) (a) Id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tingħata bil-miftuħ.

(b) Fid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal jaqta' dwar jekk l-ilment ikunx ġustifikat u sabiex jasal għal dik id-deċiżjoni għandu jqis il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet tal-Estacode li kienu fis-seħħ fil-waqt ta' l-att jew omissjoni li fuqu jkun imsejjes l-ilment.

(ċ) Meta t-Tribunal jaqta' li lment ikun ġustifikat kollu kemm hu jew f'parti minnu, dan għandu jirrikmanda, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu, li jingħata rimedju kompensattiv, b'għarfien tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet tal-Estacode li jkunu fis-seħħ fid-data tar-rakkomandazzjoni.

(d) Meta skond dawk il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet tal-Estacode ma jkunx possibbli li t-Tribunal

jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jista' jirrikmanda li jsir ħlas ta' kumpens li f'ebda każ m'għandu jeċċedi l-ammont ta' ħamest elef lira Maltija.

(e) Id-deċiżjoni tat-Tribunal tkun finali u minnha ma jkun hemm ebda appell.

(10) Ikun id-dmir tar-Reġistratur li jiżgura li d-deċiżjoni tat-Tribunal tintbagħat lill-Prim Ministru fi żmien għaxart ijiem minn meta tingħata.

(11) Ikun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabbilixxi dawk il-proċeduri u jagħti dawk id-direttivi li jkunu meħtieġa għat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

(12) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili m'għandhomx ikunu japplikaw għal proċedimenti li jsiru quddiem it-Tribunal.

(13) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti li jistabbilixxu d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-Reġistru tat-Tribunal

8. (1) It-Tribunal ikollu s-setgħa, li titwettaq permezz tal-president tiegħu — Sejħa tax-xhieda u għoti ta' ġurament.

(a) li jsejjaħ xhieda;

(b) li jagħti l-ġurament lil kull xhud u jeħtieġu jixhed.

(2) Kull taħrika għall-attendanza tax-xhieda tkun fl-għamla murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att u din għandha tkun iffirmata mir-reġistratur tat-Tribunal.

(3) Id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-notifiki li jinsabu fit-Titolu IV tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għan-notifika ta' taħrikiet skond dan l-Att kif ukoll dwar in-notifika ta' ilmenti, risposti, elenki u dokumenti oħra msemmija fl-artikolu 7 kif ukoll kull att ieħor li jiġi ippreżentat mill-partijiet jew li jinħareġ mit-Tribunal.

(4) Kull persuna mħarrka kif imsemmi qabel li tirrifjuta, jew tonqos mingħajr raġuni xierqa, li tattendi fil-post u l-ħin imsemmija fit-taħrika, jew li tirrifjuta, mingħajr raġuni xierqa, li twieġeb jew li twieġeb b'mod sħiħ u sodisfaċenti, skond l-aħjar ħila u għarfien tagħha l-mistoqsijiet kollha li jsirulha mit-Tribunal jew bi qbil mat-Tribunal, jew li tirrifjuta jew tonqos, mingħajr raġuni xierqa, li tipproduċi xi

dokument li tkun meħtieġa li tipproduċi mit-Tribunal jew bi qbil mat-Tribunal, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira Maltija jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda minkejja l-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ebda persuna li tixhed quddiem it-Tribunal ma tista' tkun imġiegħla twieġeb għal mistoqsijiet meta t-tweġiba tista' tesponiha għal proċess kriminali, u kull persuna bħal dik ikollha, dwar kull xhieda tagħha quddiem it-Tribunal, l-istess privileġġi li jkollu xhud li jixhed quddiem il-qorti.

(5) Il-proċedimenti dwar xi reat kontra dan l-artikolu għandhom jinbdew fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali.

Żmien li fih isir ilment.

9. M'għandux jiġi aċċettat ilment taħt dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jgħaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Rapport.

10. It-Tribunal għandu kull sitt xhur, li jibdew għaddejjin mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jagħmel rapport dwar id-deċiżjonijiet tiegħu lill-Kamra tad-Deputati; dan ir-rapport għandu jintbagħat mir-Reġistratur lill-i*Speaker* li għandu jara li jinġieb għall-attenzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Reġistratur u uffiċjali oħra tat-Tribunal.

11. (1) Għandu jkun hemm Reġistratur tat-Tribunal li jkollu r-responsabbiltà li jamministra l-uffiċċju tat-Tribunal, u li jassigura tqassim ġust tad-dmirijiet bejn id-diversi presidenti billi jassenjalhom ir-rikorsi li jiġu preżentati kif imsemmi qabel kemm jista' jkun bir-rotazzjoni tax-xogħol skond id-data tal-preżentata tar-rikorsi, b'dan illi r-Reġistratur jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jikkunsidra s-suġġett in kwistjoni ta' kull rikors sabiex jiżgura li rikorsi ta' l-istess xorta kemm jista' jkun jiġu trattati mill-istess president.

(2) Ir-Reġistratur għandu jkun persuna hekk maħtura mill-Prim Ministru jew uffiċjal pubbliku nominat mill-Prim Ministru sabiex iwettaq il-funzjonijiet ta' reġistratur.

(3) It-Tribunal ikollu wkoll dak il-persunal l-ieħor li l-Prim Ministru jisa' jqis meħtieġ u li jaħtar jew jinnomina kif imsemmi qabel.

Ġurament ta' lealtà u tal-kariga li għandu jittieħed mill-president.

12. (1) Il-president, inkluż aġent president, għandu, qabel ma jibda d-dmirijiet tiegħu, jieħu, quddiem il-President ta' Malta, il-ġurament ta' lealta' muri fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ġurament li ġej:

Ġurament tal-Kariga

Jiena ..... naħlef li nagħmel bis-sewwa d-dmirijiet ta' president tat-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji bla favuri u mingħajr ma nżomm ma ħadd, kif irid il-ħaqq u l-jedd, u kif iridu l-liġijiet u d-drawwiet ta' Malta, għall-ġieħ t'Alla u tar-Repubblika ta' Malta, u li ma nikkomunika, direttament jew indirettament, ma' ebda persuna li tagħmel l-ilment jew intimat f'każ quddiem l-imsemmi Tribunal, lanqas ma l-Avukati jew Prokuraturi Legali tagħhom, lanqas ma' ħaddieħor fl-isem ta' waħda jew oħra minn dawk il-persuni, dwar rikors li jkun għadu ma ġiex deċiż, jew li jkun se jiġi preżentat fit-Tribunal hawn fuq imsemmi, barra minn fit-Tribunal bil-miftuħ, ħlief fil-każijiet li l-liġi ssemmi espressament; u li jiena nxandar fit-Tribunal, dawk il-kumnikazzjonijiet li jsiruli u ngħarraf bihom lill-President ta' Malta. U naħlef ukoll li, direttament jew indirettament, ma nagħmilhiex ta' Avukat jew ta' arbitru, lanqas, f'ebda każ, ma nagħti parir jew fehma lil ħadd dwar ebda ilment mibdi jew li għandu jinbeda fit-Tribunal hawn fuq imsemmi, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi, mingħajr qabel ma jiġi mogħti lili permess mill-President ta' Malta wara rikors li nagħmel għaldaqshekk. Hekk Alla jgħini.

(2) Meta xi komunikazzjoni, kif imsemmija fil-forma tal-ġurament li hemm fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tkun tikkonsisti f'ittra anonima jew f'ittra li min kitibha ma jkunx jista' jiġi magħruf malajr, jew meta xi komunikazzjoni bħal dik ikun fiha xi kliem inġurjuż jew offensiv, il-president ma jkollux għalfejn jaqra l-komunikazzjoni iżda jista' minflok waqt udjenza pubblika jikxef il-fatt li jkun irċeviha u għandu f'kull każ igħarraf il-kontenut tagħha lil-President ta' Malta.

Il-president ma jistax jintalab jixhed.

13. Il-president tat-Tribunal ma jistax jintalab jixhed f'xi proċedimenti dwar ħwejjeġ li jkun sar jaf bihom waqt proċedimenti li jkollhom x'jaqsmu ma xi lment li jkun sar skond dan l-Att.

Spejjeż ta' amministrazzjoni.

14. Kull salarju jew spiża li jitħallsu fit-twettiq ta' dan l-Att għandhom jinħarġu mill-Fond Konsolidat bla ħtieġa ta' ebda approvazzjoni barra minn dan l-Att.

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

15. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandhom x'jaqsmu mal-prattika u l-proċedura quddiem il-Qorti Ċivili għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal kull prattika u proċedura quddiem it-Tribunal.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 5)

TAQSIMA A

Il-President

Il-Kamra tad-Deputati

Il-Kabinett

Il-Ġudizzjarju

Kull Tribunal imwaqqaf b'xi liġi jew bis-saħħa tagħha

Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja

Il-Kummissjoni Elettorali

L-Awtorità dwar ix-Xandir ta' Malta

Il-Kummissjoni dwar l-Impiegi

Il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni

Il-Kummissjoni għal-Investigazzjoni ta' Inġustizzji

L-Avukat Ġenerali fit-twettiq tas-setgħat imsemmija fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni

Kull Avukat jew Konsulent Legali tal-Gvern li jaġixxi f'dik il-kariga

Id-Direttur ta' Verifika dwar il-funzjonijiet li joħorġu mis-subartikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 108 tal-Kostituzzjoni

Il-Forzi Armati ta' Malta ħlief skond dak li hemm provdut fit-Taqsima B ta' din l-Iskeda

Is-Servizz ta' Sigurtà.

TAQSIMA B

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

Il-Forzi Armati ta' Malta għar-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' l-uffiċjali u suldati f'dik il-Forza Armata.

TAQSIMA Ċ

Kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu investigati.

1. Kull kwistjoni li tista' tiġi ċertifikata mill-Prim Ministru bħala li tolqot is-sigurtà interna jew esterna ta' Malta.

2. Azzjoni li tittieħed fi kwistjonijiet ċertifikati mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin bħala li jolqtu r-relazzjonijiet jew arranġamenti bejn il-Gvern ta' Malta u Gvern ieħor jew xi organizzazzjoni internazzjonali ta' Stati jew Gvernijiet.

3. Azzjoni li tittieħed mil-Ministru responsabbli għall-ġustizzja bis-saħħa ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276).

4. L-istituzzjoni jew it-tmexxija ta' proċedimenti ċivili jew kriminali quddiem qorti tal-ġustizzja jew xi tribunal f'Malta, jew ta' proċedimenti dwar reati militari li jsiru bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kap. 220), jew ta' proċedimenti quddiem xi qorti jew tribunal internazzjonali.

5. It-twettiq tas-setgħa li għandu l-Prim Ministru bis-saħħa ta' l-artikolu 515 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

6. Kull investigazzjoni kriminali magħmula mill-Pulizija.

A 220

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 7)

A. Rikors dwar ilment

Fit-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji

AB
(persuna li tagħmel l-ilment)
versus
CD
(intimat)

Rikors ta' AB

Jesponi bir-rispett:

Illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preċiż fi jew għall-ħabta ta' .....(hawn semmi f'liema data), huwa sofra inġustizzja f'li ..... (hawn semmi liema distinzjoni, esklużjoni jew preferenza indebita saret jew ingħatat bi preġudizzju tal-persuna li tagħmel l-ilment jew id-diżabilità jew restrizzjoni li huwa jkun ġie suġġett għaliha).

Illi l-fatti tal-każ kienu fil-qosor kif ġej ..... (agħti fil-qosor il-fatti tal-każ).

Illi huwa bi ħsiebu jġib biex isostni l-ilment tiegħu lix-xhieda murija fl-elenku hawn anness li jindika għar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi ħsiebu jġib prova dwarhom bix-xiehda tiegħu.

Għaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeċiedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji, u li jingħata rimedju billi jiġi ordnat illi ..... (hawn semmi x'għamla ta' rimedju jista' jingħata), jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jingħata, li jiġi ordnat li jitħallas lili kumpens f'ammont ta' ..... (semmi ammont li ma jkunx ta' aktar minn Lm5,000).

Firma tal-persuna li tagħmel l-ilment jew ta' persuna li tidher għalih

Indirizz tal-persuna li tagħmel l-ilment

Indirizz tal-intimat.

(Artikolu 8)

B. Taħrika ta' Xhud

Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji

Lil A.B. (isem il-persuna mħarrka u fejn toqgħod)

Inti hawnhekk tinsab imħarrek biex tidher quddiem it-Tribunal hawn imsemmi fi (post)
fi (data u ħin)
u li tixhed dwar
(il-kwistjoni ta' l-inkjesta).

Iffirmat minni llum ta' tas-sena

(Firma tar-Reġistratur).

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 60 tat-30 ta' April, 1997.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.